MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2012

Numru. 164/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**

**vs**

**Joseph Vassallo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Vassallo ta' 56 sena, iben il-mejjet Paul u l-mejta Emanuela xebba Riziott imwieled Marsaskala fl-20 ta' Gunju 1951 u residenti 180, Triq l-Imsida, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 544951(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli

F'dawn il-Gzejjer, fis-snin 2006 u 2007, gewwa Wied il-Ghajn, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'eghmil zieni, ikkorrompa lil Omissis meta ghandha anqas minn tnax-il sena, liema reat sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta ta' tnax-il sena u b'qerq;

2. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri Omissis kontra l-volonta taghha, u dan bhala mezz biex imsemmija minuri tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

3. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni Omissis;

4. Offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuna u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna involuta u l-familja taghha ai termini ta' l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-22 ta' Settembru 2008 (inserita a fol. 88 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikoli 18, 86, 87, 203, 207, 209, 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-19 ta’ Ottubru 2007 Omissis ghamlet rapport lil Pulizija[1] fejn infumrathom li xi zmien qabel meta kellha sitt snin bintha Omissis kienet giet abbuzata sesswalment minn certu Guzi, li huwa l-imputat fil-kawza odjerna. Hija rrapurtat li l-abbuz kien sar fid-dar tan-nanniet materni ta’ Omissis f’’Wied il-Ghajn u spjegat ukoll li l-abbuz kien sar f’aktar minn okkazzjoni wahda. Omissis kienet ukoll ghamlet rapport mal-Appogg fir-rigward. Meta Omissis xhedet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta’ April 2008 hija spjegat li f’Gunju 2007 bintha kienet giet mill-iskola u qaltilha li kienet inghatat certifikat mis-Sedqa wara li xi persuni minn din l-agenzijia attendew l-iskola u spjegaw lit-tfal dwar abbuz u x’ghandhom jaghmlu. Fuq dan ic-certifikat kien hemm stampi ta’ annimali u meta omm it-tifla bdiet tistaqsiha min kienu dawn l-annimali t-tifla ppuntat lejn stampa ta’ fenek u qaltilha li dan miskin kien qed jigi abbuzat sesswalment. Meta Omissis staqsiet lil bintha jekk kinitx taf x’ghandha taghmel jekk jigrulha dawn l-affarijiet it-tifla bdiet tibki u wara li ommha staqsitha ripetutament x’kien gralha t-tifla rrisponditha li xtaqet tghidilha xi haga u qaltilha li lilha kienu grawlha dawn l-affarijiet xi zmien qabel fid-dar tan-nanniet meta n-nannu kien ma jiflahx u kien izuru habib tieghu li kien jismu Guzi, u cioe’ l-imputat fil-kawza odjerna. Omissis spjegat li missierha kien marid hafna u li issa kien miet u qalet li l-imputat li kien habib tieghu meta kienu tfal kien jigi jzuru ta’ spiss meta kien marid u li wara li kien iqatta’ ftit tal-hin mieghu fil-kamra tas-sodda huwa kien johrog fl-ghalqa li l-genituri taghha kellhom hdejn id-dar u kien jaghmel xi xoghol fl-istess ghalqa. Omissis spjegat li t-tifla ma tantx riedet titkellem dwar dak li kien gara u hija kienet kelmet lil tal-Appogg u bdiet tehodha ghand il-psikologa Roberta Attard fejn it-tifla bdiet tiftah qalbha u rrakkuntat dwar

[1] Kwerela nserita a fol. 10 tal-atti processwali.

zewg incidenti partikolari, wiehed minnhom li kien gara f'kamra li kien hemm fl-ghalqa biswit id-dar u l-iehor li kien gara fl-ispare bedroom tad-dar tan-nanniet fejn fiz-zewg okkazzjonijiet it-tifla rrakkuntat li l-imputat kien missha fil-parti privata taghha kien ukoll hareg il-parti privata tieghu u geghlha timissha b'idejha. Omissis spjegat dwar l-incident fil-kamra tas-sodda tal-kewba li hija kenet tiftakar li t-tifla kienet dahlet tilghab biz-zibeg mal-imputat u li meta hija kienet ghaddiet minn quddiem il-kamra u sabet il-bieb maghluq l-imputat kien qalilha li kien zamm il-bieb maghluq sabiex ma jidholx hu Omissis li dak iz-zmien kellu tlett snin u jharbtilhom iz-zibeg. Omissis qalet ukoll li hija ma kinitx rat xejn f'dik l-okkazzjoni. Omissis spjegat li t-tifla kienet disturbata hafna wara li qaltilha dawn l-affarijiet u ma kinitx qed torqod sew bil-lejl u kienet tibza'. Hija spjegat inoltre li zewgha u hi preferew li t-tifla tinghata l-kura psikologika mehtiega qabel ma jaghmlu r-rapport mal-Pulizija u kien ghal din ir-raguni li r-rapport sar xi zmien wara.

Ikkunsidrat:

Il-minuri Omissis xehdet f'dan il-kaz bil-procedura tal-video conferencing fejn hija spjegat dwar iz-zewg incidenti fejn l-imputat kien missilha l-parti privata taghha u hareg il-parti genitali tieghu u poggilha idejha fuqha. Hija rrakkuntat dwar l-incident tal-kamra fl-ghalqa fejn qalet li hija kienet qed tilghab fl-ghalqa u fil-kamra li kien hemm fl-istess ghalqa mal-kugin taghha fejn kien hemm ukoll l-imputat u z-ziju taghha fl-ghalqa. Hija qalet li meta z-ziju ghajjat lil kugin u dan allontana ruhu sabiex mar hdejn missieru, l-imputat hadha taht it-tieqa fil-kamra fejn hija spjegat li peress li kienet iqsar mill-hogor tat-tieqa min kien barra ma setghax jaraha izda l-imputat seta' jara min kien qed javvicina l-kamra mill-istess tieqa. Hija qalet li l-imputat imbaghad messilha l-parti privata taghha minn fuq il-panty u mbaghad hareg il-parti privata tieghu u poggilha idejha fuqha. Hija spjegat li ma kinitx tkun trid tmiss il-parti privata tal-imputat izda huwa kien jaqbdilha idejha u jpoggiha hemm u meta hija resqet lura l-imputat rega' gibidha lejh. Dwar l-incident l-iehor fil-kamra tas-sodda tal-kewba t-tifla qalet li l-imputat kien hadha f'din il-kamra

sabiex jilaghbu biz-zibeg u huwa ghalaq il-bieb tal-kamra izda ma sakrux u rega' ghamel l-affarijiet li kien ghamel fil-kamra fl-ghalqa. Hija qalet li f'xi hin kienet giet il-mama taghha u fethet il-bieb izda meta gara dan l-imputat kien diga' spicca mill-affarijiet li kien qed jaghmel. Omissis spjegat li dawn l-affarijiet sehhew meta hija kienet fil-Year Two. Omissis donna indikat li dawn l-affarijiet graw aktar minn darbtejn izda ftakret biss id-dettalji dwar dawn iz-zewg okkazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri xehdet ukoll il-psikologa Roberta Attard[2] izda peress li din ix-xhud hija ex parte ghaliex tqabdet mill-parti civili sabiex tinghata kura psikologika lit-tifla l-Qorti sejra tirreferi biss ghal dik il-parti tax-xhieda taghha fejn hija spjegat dak li kienet tirrakkuntatilha t-tifla u dan ghaliex dak li qalet omissis fis-sessjonijiet li kellha mal-psikologa huwa l-istess haga li hija rrakkuntat meta xehdet f'dawn il-proceduri. Il-Qorti setghat fil-fatt tirriskontra ko-erenza fir-rakkont tat-tifla u anki jekk kien hemm xi dettalji li ma kienux jaqblu b'mod preciz il-Qorti jidrilha li dawn kienu pjuttost insinifikanti u li n-nuqqas ta' qbil preciz huwa dovut ghall-eta' zghira tat-tifla meta graw l-affarijiet. Wiehed ma jistghax jippretendi precizjoni fid-dettall minn tifla ta' sitt snin. Il-Qorti jidrilha li huwa normali li tifla ta' eta' daqshekk zghira ma tiftakarx kollox fid-dettal u tista' ghalhekk tvarja xi dettalji. Il-Qorti izda wara li rat il-video recording tax-xhieda moghtija mill-minuri u kkonstatat il-komportament taghha meta xehdet f'dawn il-proceduri u wara li rat li dan ir-rakkont kien identiku fil-fatti importanti u rilevanti ghal dak li qalet lill-psikologa u lill-ommha, m'ghandha l-ebda dubju mill-kredibilta' ta' din ix-xhud u li dak li qed tghid jirrifletti dak li effettivament sehh.

Ikkunsidrat:

[2] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 47 sa 51 tal-atti processwali.

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[3] fejn huwa spjega kif kien imur ta' spiss sabiex jara lin-nannu ta' Omissis ghaliex dan kien ma jiflahx hafna u ma setghax johrog. Huwa kkonferma wkoll li gieli kien johrog fl-eghlieqi jaghmel xi xoghol sabiex jghin u li gieli kien ikun hemm it-tfal jilghabu. Huwa cahad li qatt kien ghamel l-affarijiet li rrakkuntat it-tifla izda mbaghad proceda sabiex jaghti rakkont pjuttost konfuz dwar kif kien hemm xi okkazzjonijiet meta huwa refa' lit-tfal fejn l-ewwel jghid li kien jaqbadhom minn qadhom meta jerfaghhom imbaghad wara ftit jghid li kien jaqbadhom minn bejn saqajhom. Huwa qal li dak iz-zmien kien miftuq u kellu bocca jew nefha u sostna li fl-incident tal-kamra tas-sodda tal-kewba huwa kien dahhal idejh fil-qalziet sabiex jdahhal il-gewwa il-bocca u li meta ghamel hekk dar la gembha sabiex ma tarahx it-tifla. Dwar dan l-incident huwa sostna li kienet it-tifla li riedet tilghab mieghu u qal li n-nanna kienet baghtithom jilghabu fil-kamra tas-sodda ghaliex kienet qed tahsel l-art tal-kurutur. Huwa qal li dakinhar kien halla l-bieb imbexxaq u mhux vera li kien ghalqu kif qed jghidu t-tifla u ommha.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga' ntqal aktar 'il fuq din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' tat-tifla u jidrilha li din kienet qed tghid il-verita' dwar dak li gara. Dwar is-sottomissjoni maghmula mid-Difiza fejn gie sostnut li huwa stramb kif it-tifla bdiet turi sinjali ta' skonfort biss wara li rrakkuntat lil ommha dwar dak li kien gara din il-Qorti jidrilha li dan il-fatt ma jxejjen xejn mill-kredibilita' tax-xhud u seta' fil-fatt sehh b'dan il-mod ghaliex meta graw l-affarijiet it-tifla minhabba l-eta' zghira taghha ghalkemm iddejqet f'dak il-mumnet ma kinitx konxja mill-gravita' taghhom u kien biss wara li marru l-iskola n-nies mis-Sedqa li hija fehmet aktar il-portata ta' dak li kien gralha u kien ghalhekk biss f'dan l-istadju li hija bdiet thoss l-effett psikologiku ta' dak li kien gralha propju ghaliex fehmet ahjar li dawn l-affarijiet m'ghandhomx jigru.

[3] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 124 sa 155 tal-atti processwali.

Fin-Nota ta’ Rinviju tieghu tat-22 ta’ Settembru 2008 l-Avukat Generali indika li tista’ tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 86, 87, 203, 207 u 209 tal-Kodici Kriminali. L-Artikoli 86 u 87 jirrigwardaw ir-reat ta’ arrest, sekwestru jew detenzjoni illegali u c-cirkostanzi aggravanti tal-istess reat. Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta’ arrest jew detenzjoni illegali bl-aggravju kontemplat fl-Artikolu 87(1)(g). Mix-xhieda tal-minuri fil-fatt irrizulta li meta hija pruvat timbotta lill-imputat meta kienu fil-kamra fl-ghalqa huwa gibidha lura u ma halihiex titlaq u ghalkemm hija fl-ebda hin ma qalet li huwa kien sakkar il-bieb la tal-kamra fl-ghalqa u l-anqas tal-kamra tas-sodda, tenut kont li t-tifla kienet ta’ eta’ daqshekk zghira fejn bieb maghluq minn adult ghaliha jindika li hija ma tistghax tohrog mil-kamra, l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat zamm lil minuri kontra l-volonta’ taghha sabiex jaghmel xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Dwar ir-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni li bih jinsab akkuzat l-imputat il-Qorti tixtieq l-ewwel u qabel kollox taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f’sentenza tat-8 ta’ Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Thomas Wiffen’ fejn dwar l-element materjali ta’ dan ir-reat il-Qorti qalet is-segwenti:-

*For the <u>completed</u> offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act (“atto di libidine”) and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual apetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the* ***Digesto Italiano*** *in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of “lewd acts”:*

*“Atti di libidine…. debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine…. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita’ e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali” (Vol. VIII, parte 3, p.967).*

*And on the question of the repetition of the same acts, the said writer has this to say:*

*“Si e’ fatta poi questione se gli atti di libidine, per riternersi idonei, dovessero essere ripetuti; ma se, in alcuni casi, quando si tratta di atti per se’ stessi di poca entita’, la reiterazione puo’ conferir loro quella efficacia corrutrice, che, isolamente, non avrebbero, non per questo essa puo’ considerarsi come condizione di incriminabilita’ del fatto, quando si tratti di atti, i quail, anche compiuti una sola volta, hanno in se evidente l’efficacia corrutrice, e questo appunto ha ritenuto la giurisprudenza cosi’ sotto l’impero del codice abrogato come sotto quello del codice vigente” (**op. cit. ,** p.968).*

*As was stated more recently by the Court of Cassation in its judgement of the 14 February, 1961**:***

*“Per costituire atti di libidine, l’atto deve essere tale da procurare una sensazione erotica anche solo eccitando appetiti sessuali” (quoted in Manzini, V, Trattato di Diritto Penale Taliano, Nuvolone, P. and Pisapia, G.D. ed., UTET (1984), Vol. VII, para. 2550, p. 359, n.5).*

*Lewd acts are therefore all those acts “diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli,*

*ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., **op. cit.**, p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:-

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his **Notes on Criminal Law:***

*" For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed,*

*according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*And Francesco Carfora observes:*

*"….non bisogna intendere la corruzione fisica nel senso ristretto di manifestazione di corruzione morale mediante atti volontari esteriori compiuti dallo stesso minorenne, ma nel senso di contaminazione fisica anche mediante i soli atti dell'agente, inquantoche' agli effetti dell'art. 335 si ha la figura delittuosa della corruzione di minorenne quando questo abbia solo subito sulla propria persona atti contrari al pudore capaci di corrompere, anche se da parte sua non abbia corrisposto con altri atti, che costituiscono prova di un'effettiva corruzione, perche', come gia' abbiamo altrove notato, il legislatore intende a colpire i germi della corruzione gittati dagli atti delittuosi compiuti dall'agente, non in quanto sieno immediatamente sviluppati, ma in quanto possono in un tempo qualunque svilupparsi, e questo ritenne anche la patria giurisprudenza" (**op. cit.,** p.966).*

*In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

Wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali l-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern jirrizultaw l-estremi kollha ta' dan ir-reat. Tifla ta' sitt snin li tigi esposta ghall-ghemil tal-imputat fuq il-persuna taghha u fuq il-persuna tal-istess imputat meta espona l-parti privata tieghu u geghlha tpoggi idejha fuqha ma jistghax ma jfissirx li din it-tifla giet korrotta bl-imposizzjoni ta' eghmil zieni da parti tal-imputat.

Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz l-anqas ma hemm dubju li dan ir-reat ta' korruzzjoni kien aggravat bl-eta' tal-vittma li mill-provi rrizulta li fiz-zmien meta sehh ir-reat kellha sitt snin.

L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni bl-aggravju kontemplat fl-Artikolu 203(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Ill l-Avukat Generali indika wkoll li tista' tinstab htija taht l-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali u cioe' ir-reat ta' attentat ghall-pudur bi vjolenza izda una volta li qed tinstab htija taht l-Artikolu 203 ma tistghax tinstab htija wkoll taht l-Artikolu 207 u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet(3) imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda r-raba'(4) mputazzjoni u cioe' dik li tirrigwarda r-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali dwar min joffendi l-pudur jew il-morali b'eghmil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza fir-rigward li z-zewg incidenti ndikati mill-minuri ma sarux f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku stante li graw f'kamra f'ghalqa privata u f'kamra f'residenza privata u ghalhekk l-imputat ma jistghax jinstab hati tar-raba'(4) imputazzjoni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati kif ukoll l-eta' tenera tal-vittma u l-fatt li l-imputat aprofitta ruhu minn sitwazzjoni fejn il-familja tal-vittma kienu ghaddejjin minn stress kbir minhabba l-marda ta' missierhom u jidrilha li m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviiu tal-Avukat Generali tat-22 ta' Settembru 2008 u senjatament l-Artikoli 17, 86, 87(1)(g) u 203 tal-

Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba'(4) snin prigunerija. Stante li t-tielet(3) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni(2) mputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba'(4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familja taghha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni u dan sabiex tiprotegi l-identita' tal-istess minuri.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' tlett(3) snin li jibdew jiddekorru mid-data li l-imputat jispicca jiskonta l-piena karcerarja fejn il-persuni protetti huma Omissis u l-konjugi Omissis u Omissis.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------